MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 229/2011

**Victor Attard**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Victor Attard fil-31 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal, preliminarjament u pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri jissosspendi l-effetti tad-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta notifikata lilu b'ittra datata 6 ta' Ottubru 2011, fejn iddikjarat li l-licenza tieghu ta' operatur ta' VRT Station ma baqghetx iktar fis-sehh b'effett immedjat u li l-licenza tieghu bhala tester ta' VRT Station ukoll giet irtirata b'effett immedjat, b'dana li huwa jkun jista' jibqa' jezercita bhala operatur jew tester sakemm tinghata d-decizjoni finali, u fil-meritu li jhassar u jirrevoka l-imsemmija decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta,

bl-ispejjez kontra l-Awtorità, u konsegwentement jippermettilu li jzomm iz-zewg licenzi tieghu, dik ta' operatur ta' VRT Station (Licence No. LTD41/98/55) u dik ta' tester ta' VRT Station (Licence No. LTD/38/98/136), stante li: (a) in kwantu rigwarda l-licenza ta' tester ta' VRT Station, l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ma setghatx tapplika r-Regolament 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 fil-konfront tieghu peress illi tali regolament ma huwiex retroattiv, u ma setghatx tapplika r-Regolament 14 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 fil-konfront tieghu minhabba l-principju ta' *ne bis in idem* u fi kwalunkwe kaz ma ndikatx a bazi ta' liema mill-provvedimenti stipulati f'dak ir-Regolament hadet id-decizjoni li tirtiralu l-licenza ta' tester ta' VRT station; u (b) in kwantu rigwarda l-licenza ta' operatur ta' VRT Station, id-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fis-sens illi din il-licenza ma baqghetx fis-sehh b'effett immedjat hija skorretta u in vjolazzjoni tar-Regolament 11(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u fi kwalunkwe kaz l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ma setghatx tiehu tali decizjoni fil-konfront tieghu minhabba il-principju ta' *ne bis in idem*;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati bhala Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 15 sa' 20 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u titlob li l-appell tieghu mid-decizjoni taghha notifikata lilu bl-ittra datata 6 ta' Ottubru 2011, jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, peress illi: (i) id-decizjoni kontestata hija legali u gusta, u b'hekk ghandha tigi konfermata; (ii) l-aggravji tar-Rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt; u (iii) ghalkemm ir-Rikorrenti gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, id-decizjoni ta' l-Awtorità dwar il-licenzji tieghu ma tivvjola ebda dritt fondamentali tieghu u dan a tenur ta' dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Pace et** pronuncjata fil-11 ta' Dicembru 2008;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar it-talba preliminari tar-Rikorrenti u ra li b'Digriet tat-13 ta' Jannar 2012, din it-talba preliminari giet michuda;

Sema' xhieda moghtija minn Lino Abela, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-appell fil-meritu da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jattakka d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata, notifikata lilu b'ittra ta' l-Avukat ta' l-Awtorità datata 6 ta' Ottubru 2011[1], li in segwitu ghas-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Gunju 2011, fejn fuq ammissjoni tieghu instab hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, partikolarment tar-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqa' that it-Titolu dwar id-Delitti kontra il-Fiducja Pubblika, iddikjarat li l-licenza tieghu bhala operatur ta' VRT Station ma ghadhiex fis-sehh b'effett immedjat u wkoll irtiratlu b'effett immedjat il-licenza tieghu bhala tester ta' VRT Station.

Ir-Rikorrenti talab is-sospensjoni ta' l-effetti tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri b'dana li jkun jista' jibqa' jopera bhala operatur jew tester ta' VRT Station sakemm tinghata s-sentenza finali. B'Digriet tat-13 ta' Jannar 2012 dik it-talba prelimnari giet michuda u ghaldaqstant issa jehtieg jigi trattat l-appell fil-meritu sabiex jigi determinat jekk id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti hijiex gusta o meno, u b'hekk ghandhiex tibqa' fis-sehh kontrih.

Ir-Rikorrenti jibda billi jattakka d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fejn din tirreferi ghal u teffettwa l-licenza tieghu bhala tester ta' VRT Station. Huwa jikkontendi li *skond kif*

[1] Dok. "A" a fol. 15 tal-process.

*inhi l-ligi llum, jekk wiehed ma ghandux kondotta tajba (flimkien ma' eta ta' 'l fuq minn 19-il sena, licenzja tas-sewqan etc. etc.) allura wiehed ma jottjenix tali licenzja. Izda ma hemm xejn fir-regolamenti li jghid li una volta wiehed ikun moghti dik il-licenzja, jekk sussegwentement il-kondotta ma tibqax tajba allura awtomatikament huwa jitlef tali licenzja li jkun ottjena regolarment. Il-principju ubi lex voluit dixit ubi non noluit tacuit ghandu jigi applikat hawnhekk. Fit-tieni lok, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss, wiehed kellu jaccetta li l-kwalifika tal-kondotta tajba tibqa' tghodd anke wara li wiehed ikun applika u ottjena tali licenzja, minhabba l-principju tan-non-retroattività tal-ligi, tali regolament xorta wahda ma ghandux japplika fil-kaz odjern*.

Il-pretensjoni tar-Rikorrenti essenzjalment hi li ladarba hu ottjena l-licenza tieghu fl-1999 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 126 ta' l-1998, ossia r-Regolamenti ta' l-1998 dwar it-Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba ghat-Triq, dak issa provdut fir-Regolament 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, senjatament il-kwalifika tal-kondotta tajba introdotta bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008, ma ghandux jeffettwa u jippregudika l-licenza tieghu.

It-Tribunal haseb fit-tul fuq is-sottomissjoni avvanzata mir-Rikorrenti dwar in-non-retroattività tar-Regolament 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif attwalment fis-sehh u ghall-implikazzjonijiet ta' din is-sottomissjoni, izda bl-ebda mod ma jista' jaqbel ma' dak minnu pretiz.

Huwa minnu li l-kwalifika tal-kondotta tajba bhala wahda mir-rekwiziti li jridu jigu sodisfatti biex tinghata l-awtorizzazzjoni bhala tester ta' VRT Station giet introdotta bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008, jigifieri zmien wara li r-Rikorrenti ottjena l-licenza tieghu bhala tester. Huwa minnu wkoll li r-Regolament 13(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 jipprovdi li *persuni li, fid-data tad-dhul fis-sehh ta' dawn ir-regolamenti, digà kellhom licenza mill-Awtorità biex jittestjaw il-vetturi ghandhom jitqiesu li ghandhom fil-pussess taghhom il-kwalifiki mehtiega u ghandhom minnufih jigu registrati bhala persuni kwalifikati*

*biex jittestjaw il-vetturi fir-registru li ghandu jinzamm mill-Awtorità skont is-subregolament (1)*. Madana kollu però, l-intenzjoni tal-Legislatur wara l-introduzzjoni ta' dan is-subregolament certament ma kenitx dik pretiza mir-Rikorrenti u dana kif jirrizulta ferm car mill-import u l-effetti tad-diversi emendi introdotti matul iz-zmien ghar-Regolamenti dwar it-Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba ghat-Triq.

Originarjament u taht ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar it-Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba ghat-Triq, Avviz Legali 126 ta' l-1998, il-koncessjoni ta' awtorizzazzjoni bhala tester ta' VRT Station kienet regolata mill-Kap tad-Dipartiment tal-Licenzi u Testijiet maghruf bhala Direttur (Traffiku) u kienet issir permezz ta' applikazzjoni u jekk din tigi milqugha kienet tinhareg il-licenza appozita. In segwitu u bis-sahha ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008 id-Direttur (Traffiku) gie sostitwit mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u din ta' l-ahhar saret l-awtorità regolatrici ghal *inter alia* hrug ta' licenza bhala tester ta' VRT Station. Bis-sahha ta' l-imsemmi Avviz Legali 43 ta' l-2008 giet introdotta l-kwalifika tal-kondotta tajba bhala wahda mir-rekwiziti necessarji biex tinhareg tali licenza. Bis-sahha tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta giet istitwita l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta – ossia l-Awtorità intimata – biex tassumi l-funzjonijiet li qabel kienu tezercita *inter alia* l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. B'effett minn meta l-Awtorità intimata saret l-awtorità regolatrici f'dan il-qasam, kull minn irid jahdem bhala tester ta' VRT Station irid ikun registrat ma' l-Awtorità f'Registru appozitu [Regolament 13(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15], kemm-il darba jissodisfa r-rekwiziti prefissi fil-ligi, senjatament Regolament 13(4) tal-Legislazzjoni Sussidarja 65.15.

L-emenda ta' l-2010 effettivament fissret li anke dawk it-testers li kienu già licenzjati bhala tali taht ir-Regolamenti ta' l-1998 riedu jigu registrati ma' l-Awtorità intimata u minhabba l-introduzzjoni tal-kwalifiki godda, fosthom dik tal-kondotta tajba li ma kenitx kwalifika rikjesta taht dawk ir-Regolamenti, il-Legislatur ried jittutela d-dritt taghhom bhala testers debitament awtorizzati biex ikomplu jezercitaw bhala tali anke taht din is-sistema l-gdida.

B’hekk ghall-finijiet ta’ registrazzjoni ta’ dawn it-testers ma’ l-Awtorità intimata gie introdott, bis-sahha ta’ l-Avviz Legali 90 ta’ l-2010, il-precitat Regolament 13(5) fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Kienet din ir-raguni ghall-introduzzjoni ta’ dak ir-Regolament partikolari u dak il-provvediment ma ghandux u ma jistax jigi interpretat fis-sens pretiz mir-Rikorrenti u cioè li detentur ta’ licenza bhala tester ta’ VRT Station ottenuta taht ir-regim tar-Regolamenti kif fis-sehh fl-1998, impunement jaghmel li jrid minghajr ma’ l-Awtorità regolatrici, illum l-Awtorità intimata, debitament tezercita s-setghat taghha fil-konfront tieghu, inkluz ukoll fil-kazijiet kongruwi s-sospensjoni ta’ awtorizzazzjoni bhala tester ta’ VRT Station.

In verità id-diskors dwar l-ezercizzju tas-setgha da parte ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti ma jistax jigi impostat fuq termini generici ta’ kondotta tajba o meno minghajr ma ssir referenza ghall-agir ta’ l-istess Rikorrenti li wassal lill-Awtorità intimata biex tiehu d-decizjoni li tirtiralu l-licenza ta’ tester ta’ VRT Station. In effetti ghalkemm ir-Rikorrenti konvenjentement jimposta l-aggravju tieghu fir-rigward ta’ din il-parti partikolari tad-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata fuq termini più o meno generici minghajr ma jishaqq wisq fuq l-agir tieghu, it-Tribunal ma jistax jasal ghal decizjoni gusta jekk ma jpoggix il-kaz in ezami fil-perspettiva korretta tieghu.

Ir-Rikorrenti *ex admissis* bhala tester ta’ VRT Station (kif ukoll bhala operatur izda din hi kwistjoni li se tigi trattata iktar ‘il quddiem f’din is-sentenza) hareg certifikati li kienu juru li vetturi ghaddew mit-test tal-VRT meta l-istess vetturi ma kienux jigu ittestjati. Dan l-agir ammess tar-Rikorrenti huwa palezament in vjolazzjoni tar-Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi Bil-Mutur Huma Tajba Ghat-Triq u l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-operat ta’ testers ta’ VRT Stations.

Ghalkemm it-Tribunal ma jaqbilx ma’ dak sottomess mir-Rikorrenti li licenza mahruga jew awtorizzazzjoni koncessa taht regim ta’ Regomlamenti kif fis-sehh fi zmien partikolari ghandha tibqa’ regolata biss b’dawk ir-Regolamenti u mhux ukoll b’kull emenda li tinteressa l-

ordni pubbliku li tista' sussegwentement tigi introdotta fihom[2], jigi rilevat li già ai termini tar-Regolament 14(1)(d) ta' l-Avviz Legali 126 ta' l-1998 tester ta' VRT Station kien obbligat li josserva l-kondizzjoni li *l-persuna licenzjata biex tittestja ma ghandhiex, taht ebda cirkostanzi, tattesta rizultat posittiv ta' test sakemm ma jsirx test komplet u l-oggetti kollha li ghandhom jigu ttestjati gew misjuba sodisfacenti, jew tattesta rizultat posittiv ta' test ta' test maghmul mill-gdid sakemm dan it-test maghmul mill-gdid ma jikkonfermax li t-tiswijiet mehtiega gew maghmula fuq l-oggetti li ghandhom jigu ttestjati* u f'kaz ta' ksur ta' tali kondizzjoni id-Direttur (Traffiku) **seta' jirrevoka l-licenza ta' persuna licenzjata biex tittestja**[3]*.* Dan ir-Regolament baqa' hekk applikabbli tul iz-zmien sakemm gie emendat bl-Avviz Legali 90 ta' l-2010 fejn flok ir-revoka tal-licenza da parte tad-Direttur (Traffiku), il-ligi tipprevedi t-thassir tar-registrazzjoni ta' isem tester mir-Registru appozitu da parte ta' l-Awtorità intimata.

Bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008 il-ksur ta' din il-kondizzjoni partikolari da parte ta' tester ta' VRT Station, ossia l-hrug ta' certifikat li jkun juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta ma tkunx giet ittestjata l-vettura, sar jikkostitwixxi reat ai termini tar-Regolament 25(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, punibbli b'dawk il-pieni imposti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura flimkien mar-revoka tal-licenza bhala tester ta' VRT Station (illum bis-sahha ta' l-Avviz Legali 90 ta' l-2010 emendat ghat-thassir ta' ismu mir-Registru appozitu ghal perijodu ta' mhux inqas minn ghaxar snin). B'hekk b'effett mill-2008 'il quddiem, l-agir ammess tar-Rikorrenti oltre li jaghti lok ghas-sanzjoni amministrattiva a tenur tar-Regolament 14(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 da parte ta' l-Awtorità regolatrici minhabba ksur tal-kondizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni bhala tester ta' VRT Station, sar jikkostitwixxi reat li f'kaz ta' sejbien ta' htija u fid-dawl tal-piena partikolari imposta mill-Qorti kompetenti jista', kif fil-

---

[2] Joseph Fenech et v. Rev. Sac. Prof. Serafino Zarb O.P noe et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Ottubru 1952. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXXVIB – I – 236.
[3] Regolament 14(2) ta' l-Avviz Legali 126 ta' l-1998.

fatt gara f’dan il-kaz, jeffettwa l-kondotta tieghu ai termini tal-Ligi.

Ghalhekk meta l-kaz in kwistjoni jigi kkunsidrat fil-perspettiva korretta tieghu, jirrizulta immedjatament evidenti li s-sottomissjoni tar-Rikorrenti li bir-Regolament 13(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja *il-legislatur ried jevita sitwazzjoni fejn persuni li regolarment kienu applikaw u ottjenew din il-licenzja, bl-introduzzjoni ta’ regolamenti godda jispiccaw jitilfu din il-licenzja ghaliex ma jkollhomx il-kwalifiki godda necessarji u ghalhekk kull licenzja tibqa’ suggetta ghall-kundizzjonijiet li taghhom hija kienet suggetta meta nharget originarjament. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-licenzja tar-rikorrenti li ma ghandhiex data ta’ skadenza, ghandha tigi regolata taht il-ligi kif kienet vigenti fid-data tal-hrug taghha u mhux suggetta ghall-kwalifika ta’ kondotta tajba,* ma tistax tigi milqugha.

Dawn l-osservazzjonijiet iwassalu ghall-konsiderazzjoni ta’ l-aggravju l-iehor sollevat mir-Rikorrenti fir-rigward tad-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata li tirtiralu l-licenza bhala tester ta’ VRT Station, u cioè li fid-dawl ta’ u b’rispett lejn il-principju ta’ *ne bis in idem* l-Awtorità ma setghatx tirtiralu l-licenza a bazi tar-Regolament 14 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 peress illi kien già gie assoggettat ghall-piena idoneja bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti ta’ kompetenza kriminali. Ir-Rikorrenti jikkontendi li *gie investigat u tressaq il-Qorti. Gie rinfaccjat bi proceduri u nghata sentenza fil-konfront ta’ dan l-agir. Tali sentenza ghaddiet in res judicata u l-Avukat Generali ma appellax. Il-kaz tar-rikorrenti ghalhekk digà gie trattat mil-Qorti kompetenti u jekk jerga’ jigi kkastigat ghal darb’ ohra mill-Awtorità minhabba dawn l-istess fatti, allura tali kastig ikun wiehed doppju – proprju dan huwa li jipprojbixxi l-principju tan-ne bis in idem*.

Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali indubbjament hija l-awtorità kompetenti biex titratta mar-Rikorrenti *inter alia* dwar ir-reat li bhala tester ta’ VRT Station gie akkuzat bih mill-Pulizija Ezekuttiva u minnu ammess izda, l-Awtorità intimata hija l-awtorità kompetenti biex tirregola licenzi mahruga jew awtorizzazzjonijiet

koncessi minnha u konsegwentement tassigura l-osservazzjoni tal-kondizzjonijiet marbuta ma' u li jirregolaw tali licenzi jew awtorizzazzjonijiet. Isegwi ghalhekk li l-Awtorità intimata ghandha mhux biss il-jedd izda d-dover li fic-cirkostanzi kongruwi timponi dawk is-sanzjonijiet permessi mill-Ligi f'kaz ta' ksur ta' kondizzjoni jew iktar marbuta ma' licenza jew awtorizzazzjoni partikolari, f'dan il-kaz ta' tester ta' VRT Station.

Dan it-Tribunal jaqbel perfettament ma' dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Pace et, Appell Civili Nru. 247/08** pronuncjata fil-11 ta' Dicembru 2008 u cioè li *kull azzjoni li hadet jew tista' tiehu l-Awtorità Dwar it-Trasport fil-konfront ta' l-appellanti bhala rizultat tas-sejbien tal-htija minnhom ammessa w is-sentenza li nghatat fil-konfront ta' l-appellanti hija rrilevanti ghall-konsiderazzjoni ta' dan l-appell. Din il-Qorti ma tarax li ghandha b'xi mod tidhol fil-kompetenza ta' entità ohra mwaqqfa b'ligi li ghandha s-setgha bil-ligi li tamministra u tirregola, skond ir-regolamenti appoziti, xi settur ta' l-attività ekonomika jew socjali tal-pajjiz. Hu risaput li hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikhom jew, jekk ikun qed digà jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dawk ta' l-appellanti. B'daqshekk dak li jkun ma jkunx qed jigi punit darbtejn.*

Il-fatt li fil-kaz in ezami s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nghatat qabel id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ma jbiddel xejn minn dak kollu appena osservat u l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'dik is-sentenza pjenament tapplika ghall-kaz tar-Rikorrenti. Madanakollu però, it-Tribunal irid jaccerta ruhu li fl-ezercizzju tas-setgha taghha fil-konfront tar-Rikorrenti l-Awtorità intimata agixxiet bil-mod kif provdut fil-Ligi, senjatament fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.

Kif già iktar 'il fuq osservat ai termini tar-Regolament 14(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 *l-Awtorità tista' tnehhi mir-registru l-isem ta' persuna li tittestja jekk dik il-persuna li tittestja tikser xi kundizzjoni li hemm fis-subregolament (1).* Fil-fehma tat-Tribunal dan ir-Regolament ma jistax jigi interpretat u applikat izolatament izda ghandu jigi interpretat u applikat fid-dawl ta' dak provdut: (i) fir-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li jittratta dwar il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenza u reati gravi da parte ta' operaturi ta' VRT Stations u ta' testers ta' VRT Stations, li fis-subparagrafi (1) u (2) jipprovdi: (1) *Operatur li jonqos li jhares il-kondizzjonijiet ta' kuntratt ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u persuna li tittestja li tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, ikunu qed jikkontravjenu il-kondizzjonijiet imsemmija u jehlu l-punti ta' penalità u l-multi amministrattivi imnizzla fit-Tnax-il Skeda*[4]; u (2) *Meta operatur jonqos milli jhares il-kondizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li jkollha licenza biex tittestja tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f 'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, l-Awtorità ghandha taghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kondizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu ser jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun ser tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur*[5]*;* (ii) fir-Regolament 24 li jittratta dwar revoka permezz tal-punti ta' penalità, li fis-subparagrafu (2) jipprovdi li *meta l-ghadd totali tal-punti ta' penalità moghtija lill-persuna li tittestja jkun jilhaq jew jeccedi l-150, isem dik il-persuna ghandu jithassar mir-registru ta' persuni li jittestjaw ghal perijodu ta' sena, u l-Awtorità ghandha tavza bil-miktub lill-persuna li tittestja b'dak it-thassir*[6]*;* u (iii) fl-iskeda dwar is-sistema ta' punti ta' penalità uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet ta' persuna li jkollha licenza biex tittestja [it-

[4] Sottolinear tat-Tribunal.
[5] Sottolinear tat-Tribunal.
[6] Sottolinear tat-Tribunal.

Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15], senjatament fil-paragrafu 26[7] fejn hemm stabbilit li tester li jinsab *hati ta' reat serju li mhux bilfors ikun marbut ma' l-ittestjar mandatorju ta' vettura izda li jista' jaffettwa t-twettiq adatt ta' test tal-VRT* jintaqqsulu 150 punt ta' penalità[8].

Is-setgha ta' l-Awtorità intimata li thassar isem tester ta' VRT Station mir-Registru appozitu skond ir-Regolament 14(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghandha tigi ezercitata bil-mod u entro l-parametri stabbiliti fil-precitati Regolamenti. Jekk dan ma jsirx allura dik id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ma tkunx inkonformità mal-ligi u konsegwentement ikollha tigi annullata.
Meta l-kontenut ta' l-ittra datata 6 ta' Ottubru 2011, ghal dak li jirrigwarda l-irtirar tal-licenza tar-Rikorrenti bhala tester ta' VRT Station, tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak provdut fir-Regolamenti appena citati, jirrizulta immedjatament evidenti li l-Awtorità intimata ma ezercitatx is-setgha taghha taht ir-Regolament 14(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 bil-mod kif u entro l-parametri stabbiliti f'dawk ir-Regolamenti. B'dik l-ittra r-Rikorrenti gie avzat li *in vista wkoll tal-fuq imsemmija sentenza inti, bhala detentur ta' licenza ta' tester ta' VRT Station ghandek tkun avzat li dina ukoll qed tigi irtirata b'effett immedjat u dana ai termini tar-Regolamenti 13 u 14 tal-L.S. 65.15*[9].

Apparte l-fatt li l-Awtorità intimata ma indikatx b'mod preciz liema kondizzjoni giet ivvjolata mir-Rikorrenti u kemm tnaqqsulu punti ta' penalità per konsegwenza, minn dik l-ittra jidher li l-licenza tieghu ta' tester ta' VRT Station giet irtirata b'mod indefinit, u dana kjarament in vjolazzjoni ta' dak provdut fir-Regolament 24(2) tal-Legislazzjoni 65.15. L-imsemmi Regolament jipprovdi li fejn tester ta' VRT Station jitnaqqsulu 150 punt ta' penalità jew iktar, li fil-fatt huma l-punti ta' penalità li jitnaqqsu lil tester meta jinsab hati ta' reat serju li mhux bilfors ikun marbut ma' l-

---

7 Illum emendat in kwantu rigwarda enumerazzjoni bis-sahha ta' l-Avviz Legali 49 ta' l-2012.
8 Sottolinear tat-Tribunal.
9 Sottolinear tat-Tribunal.

ittestjar mandatorju ta' vettura izda li jista' jaffettwa t-twettiq adatt ta' test tal-VRT, liema sitwazzjoni certament tinkludi anke dak li gara fil-kaz in ezami, ismu jithassar mir-Registru ta' l-Awtorità intimata ghal perijodu ta' sena. Imkien mill-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ma jirrizulta li l-Awtorità intimata ghandha s-setgha li thassar isem tester mir-Registru appozitu b'mod indefinit, u certament l-Awtorità ma tistax b'mod arbitrarju u ghal kollox unilaterali tinjora dak espressament provdut fil-ligi u tagixxi kif jidhrilha hi.

Ma hemmx dubju li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li tirtira l-licenza tar-Rikorrenti bhala tester ta' VRT Station b'mod indefinit ma hijiex in konformità mal-ligi, senjatament mal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u ghaldaqstant tali decizjoni ma tistax tigi assekondata u kkonfermata minn dan it-Tribunal li invece ghandu jipprocedi biex jiddikjaraha invalida u konsegwentement jannullaha.

Ghal kull buon fini t-Tribunal josserva li ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta *meta l-Awtorità tkun sodisfatta li d-detentur ta' licenza jew awtorizzazzjoni jkun instab hati ta' kondotta hazina waqt l-ghtoi ta' servizz jew li kiser xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi Att iehor li jirregola t-trasport u t-traffiku jew regolamenti li jsiru tahthom, hija tista' tissosspendi l-licenza jew l-awtorizzazzjoni ghal perijodu specifiku jew tista' tirrevokaha*[10], dan l-artikolu tal-Ligi ma jistax jigi kkunsidrat izolatament minghajr referenza specifika ghal dak provdut fl-Att jew Regolamenti li xi disposizzjoni taghhom giet vjolata. Apparte l-fatt li ma jaghmel ebda sens logiku li disposizzjonijiet specifici tal-ligi li jirregolaw kif l-Awtorità intimata ghandha tezercita s-setgha taghha fil-konfront ta' detenturi ta' licenzi jew awtorizzazzjonijiet f'sitwazzjonijiet partikolari jigu sorvolati jew addirittura injorati in bazi ghal disposizzjoni generali tal-Ligi, l-Artikolu 46(5) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta applikat wahdu jaghti lok ghal *unfettered discretion* da parte ta' l-Awtorità intimata, tip ta' diskrezzjoni din li tmur ghal kollox kontra l-

[10] Sottolinear tat-Tribunal.

principji tar-*rule of law* li jifformaw l-bazi ta' sistema ta' amministrazzjoni pubblika gusta.

Kif jinghad fil-ktieb **Administrative Law**[11] *the rule of law has a number of different meanings and corollaries. Its primary meaning is that everything must be done according to law. Applied to the powers of government, this requires that every government authority which does some act which would otherwise be a wrong (such as taking a man's land), or which infringes a man's liberty (as by refusing him planning permission) must be able to justify its action as authorised by law – and in nearly every case this will mean authorised directl or indirectly by Act of Parliament. Every act of governmental power, i.e. every act which affects the legal rights, duties or liberties of any person, must be shown to have a strictly legal pedigree. The affected person may always resort to the courts of law, and if the legal pedigree is not found to be perfectly in order the court will invalidate the act, which he can then safely disregard. That is the principle of legality. But the rule of law demands something more, since otherwise it would be satisfied by giving the government unrestricted discretionary powers, so that everything that they did was within the law. Quod principi placuit legis habet vigorem (the sovereign's will has the force of law) is a perfectly legal principle, but it expresses rule by arbitrary power rather than rule according to ascertainable law. The secondary meaning of the rule of law, therefore, is that government should be concluded within a framework of recognised rules and principles which restrict regulatory power. Coke spoke in picturesque language of 'the golden and straight metwand' of law, as opposed to 'the uncertain and crooked cord of discretion'. Many of the rules of administrative law are rules for restricting the wide powers which Acts of Parliament confer very freely on ministers and other authorities. … An essential part of the rules of law, accordingly, is a system of rules for preventing the abuse of discretionary power. Intensive government of the modern kind cannot be carried on without a great deal of discretionary power. And the rule of law requires that the*

[11] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, Chap.2 Constitutional Foundations of the Powers of the Courts, pg 17 u 18.

*courts should prevent the abuse of such powers. For this purpose the courts have performed many notable exploits, reading between the lines of statutes and developing general doctrines for keeping executive power within proper guidelines, both as to substance and as to procedure*.

B'hekk l-unika konkluzjoni li legittimament jista' jasal ghaliha dan it-Tribunal hi li dik id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li tiritra b'mod indefinit il-licenza tar-Rikorrenti bhala tester ta' VRT Station ma hijiex in konformità mal-ligi u konsegwentement ghandha tigi annullata.

Ciò nonostante però l-Awtorità intimata ma tistax fic-cirkostanzi tal-kaz ma tapplikax is-sanzjoni opportuna fil-konfront tar-Rikorrenti u ghalhekk necessarjament ghandha, in segwitu ghall-annullament tad-decizjoni taghha notifikata lir-Rikorrenti bl-ittra tas-6 ta' Ottubru 2011, tittratta ma' l-istess Rikorrenti bil-mod kif tipprovdi l-ligi, senjatament il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Fir-rigward però, it-Tribunal ma jistax ma jaghmilx is-segwenti osservazzjonijiet dwar kif l-Awtorità intimata ghandha tittratta mar-Rikorrenti biex jigi evitat li ssir ingustizzja fil-konfront tieghu.

L-Awtorità intimata ghandha tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti zewg fatturi:

- Li tul il-kors ta' dawn il-proceduri d-decizjoni taghha, notifikata lir-Rikorrenti bl-ittra tas-6 ta' Ottubru 2011, baqghet fis-sehh u ghalhekk sa' illum l-istess Rikorrenti già skonta parti mill-perijodu ta' sena tul liema l-Awtorità ghandha ai termini tar-Regolament 24(2) tal-Legislazzjoni 65.15 thassarlu ismu mir-Registru taghha u b'hekk timpedilu li jezercita bhala tester ta' VRT Station, b'konsegwenza tal-fatt li nstab hati ta' reat li hareg certifikati li kienu juru li vetturi ghaddew mit-test tal-VRT meta l-istess vetturi ma kienux gew ittestjati; u
- Li strettament u b'interpretazzjoni korretta tar-Regolamenti in kwistjoni, l-Awtorità intimata kellha tagixxi fil-konfront tar-Rikorrenti u timponi s-sanzjoni amministrattiva prevista fir-Regolamenti hekk kif is-

sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali datata 27 ta’ Gunju 2011 ghaddiet in gudikat u mhux wara li skada t-terminu ta’ tlett xhur sospensjoni tal-licenza bhala tester ta’ VRT Station impost minn dik il-Qorti fl-imsemmija sentenza ai termini ta’ l-Artikolu 30(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalkemm l-aspett amministrattiv huwa distint mill-aspett kriminali, ma hemm xejn li jostakola l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi fl-istess zmien li s-sanzjonijiet kriminali jkunu fis-sehh.

Trattata d-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti bhala tester ta’ VRT Station, ghandha issa tigi trattata d-decizjoni taghha in kwantu tirrigwarda ir-Rikorrenti bhala <u>operatur ta’ VRT Station</u>.

Bl-istess ittra tas-6 ta’ Ottubru 2011, ir-Rikorrenti gie avzat li b’konsegwenza tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali pronuncjata fis-27 ta’ GUnju 2011, li sabitu hati *inter alia* ta’ reat kontra l-fiducja pubblika, senjatament tar-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ai termini tar-Regolament 11 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-awtorizzazzjoni tieghu bhala operatur ta’ VRT Station awtomatikament ma baqghetx fis-sehh b’effett immedjat. Ir-Rikorrenti jikkontesta din id-decizjoni ta’ l-Awtorità in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) li din id-decizjoni tmur kontra l-principju ta’ *ne bis in idem* stante b’hekk qed jigi punti darbtejn; u (ii) li l-Awtorità ma setghetx timplimenta d-decizjoni taghha b’effett immedjat ghaliex ai termini tar-Regolament 11(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 id-data operattiva ta’ l-avviz da parte ta’ l-Awtorità ma ghandhiex tkun inqas minn 28 gurnata mid-data ta’ l-avviz.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tar-Rikorrenti u cioè li d-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu bhala operatur ta’ VRT Station tmur kontra il-principju ta’ *ne bis in idem*, it-Tribunal, ghall-istess ragunijiet già espressi iktar ‘il fuq f’din is-sentenza fir-rigward ta’ l-allegata vjolazzjoni ta’ din il-principju bid-decizjoni ta’ l-Awtorità in kwantu teffettwa l-licenza tar-Rikorrenti bhala

tester ta' VRT Station, jichad dan l-aggravju stante li huwa ghal kollox insostenibbli. Jigi ribadit li l-Awtorità intimata *qua* l-awtorità kompetenti biex tirregola l-licenzi mahruga jew awtorizzazzjonijiet koncessi minnha u konsegwentement tassigura l-osservazzjoni tal-kondizzjonijiet marbuta ma' u li jirregolaw tali licenzi jew awtorizzazzjonijiet, ghandha mhux biss il-jedd izda d-dover li fic-cirkostanzi kongruwi timponi dawk is-sanzjonijiet permessi mill-Ligi f'kaz ta' ksur ta' kondizzjoni jew iktar marbuta ma' licenza jew awtorizzazzjoni, anke jekk dawn jinvolvu s-sospensjoni jew l-irtirar ta' licenza jew awtorizzazzjoni partikolari.

It-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrenti fir-rigward ta' din id-decizjoni u cioè li minhabba dak provdut fir-Regolament 11(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, l-Awtorità intimata qatt ma setghet tiddikjara li l-licenza tieghu bhala operatur ta' VRT Station ma baqghetx iktar fis-sehh b'effett immedjat, ukoll ma jistax jigi milqugh in kwantu insostenibbli.

L-imsemmi Regolament jipprovdi li *l-Awtorità tista' f'kull hin u fuq bazi ragonevoli tissospendi, tirtira jew thassar awtorizzazzjoni ghall-operat ta' stazzjon ghat-testijiet billi taghti lill-operatur avviz bil-miktub li fih taghti r-ragunijiet ghal dik is-sospensjoni, irtirar jew thassir: <u>Izda kemm-il darba ma jkunx hemm mgieba hazina jew negligenza jew ragunijiet aktar serji ghal sospensjoni, tehid lura jew thassir immedjat, id-data operattiva ta' dak l-avviz m'ghandhiex tkun inqas minn tmienja u ghoxrin gurnata mid-data ta' l-avviz</u>*[12].

Fil-fehma tat-Tribunal l-agir ammess tar-Rikorrenti *qua* operatur ta' VRT Station li wassal ghal dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kontra l-fiducja pubblika jikkostitwixxi nuqqas gravi da parte tieghu u bla dubju ta' xejn jikkostitwixxi mgieba hazina li tippreskludih milli jibbenefika mit-terminu previst fil-*proviso* tar-Regolament 11(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Operaturi ta' VRT Stations ghandhom id-dover li jiccertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba ghat-

[12] Sottolinear tat-Tribunal.

triq, dover dan ferm importanti ghas-sahha u sigurtà tas-socjetà li ma ghandux jigi trattata b'leggerezza. Il-vjolazzjoni ta' tali dover, kjarament imsejjes fuq il-fiducja pubblika, ghandha tigi kontrastata bis-sanzjonijiet opportuni, ibsin kemm huma ibsin, u persuna hatja ta' tali agir qajla tista' tippretendi li l-ligi tigi applikat lejha b'mod eccessivament hanin u kif l-iktar li jaqbel lill-interessi taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte l-appell interpost mir-Rikorrenti u filwaqt li jichdu in kwantu rigwarda d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li tiddikjara li l-licenza tieghu bhala operatur ta' VRT Station ma ghadhiex fis-sehh b'effett immedjat u konsegwentement jikkonferma tali decizjoni, jilqa' l-appell in kwantu rigwarda d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li tirtira b'effett immedjat il-licenza tar-Rikorrenti bhala tester ta' VRT Station u jannulla tali decizjoni stante li ma gietx moghtija in konformità mar-Regolamenti stipulati fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u konsegwentement jornda lill-Awtorità intimata tittratta mar-Rikorrenti bhala tester ta' VRT Station bil-mod kif provdut fl-imsemmija Regolamenti b'dana li fl-ezercizzju ta' tali setgha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li tul il-kors ta' dawn il-proceduri d-decizjoni taghha, notifikata lir-Rikorrenti bl-ittra tas-6 ta' Ottubru 2011, baqghet fis-sehh u ghalhekk sa' illum l-istess Rikorrenti già skonta parti mill-perijodu ta' sena tul liema l-Awtorità ghandha ai termini tar-Regolament 24(2) tal-Legislazzjoni 65.15 thassarlu ismu mir-Registru taghha u b'hekk timpedilu li jezercita bhala tester ta' VRT Station, b'konsegwenza tal-fatt li nstab hati ta' reat li hareg certifikati li kienu juru li vetturi ghaddew mit-test tal-VRT meta l-istess vetturi ma kienux gew ittestjati, u li strettament u b'interpretazzjoni korretta tar-Regolamenti in kwistjoni, l-Awtorità intimata kellha tagixxi fil-konfront tar-Rikorrenti u timponi s-sanzjoni amministrattiva prevista fir-Regolamenti hekk kif is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 27 ta' Gunju 2011 ghaddiet in gudikat u mhux wara li skada t-terminu ta' tlett xhur sospensjoni tal-licenza bhala tester ta' VRT Station impost minn dik il-Qorti fl-imsemmija

sentenza ai termini ta’ l-Artikolu 30(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------